**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0144/2024**

16.10.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 149 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-attakki tal-forzi Iżraeljani fuq il-missjoni ta' żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti fin-Nofsinhar tal-Libanu

**Ondřej Dostál, Katarína Roth Neveďalová, Friedrich Pürner, Michael von der Schulenburg, Maria Zacharia, Thomas Geisel, Ruth Firmenich, Fabio De Masi, Branislav Ondruš**

**B10-0144/2024**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-attakki tal-forzi Iżraeljani fuq il-missjoni ta' żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti fin-Nofsinhar tal-Libanu**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Konvenzjoni dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 149 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE tissejjes fuq il-valuri tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tar-rispett rigoruż tad-dritt internazzjonali;

B. billi l-Istati għandhom l-obbligu li jiggarantixxu s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal u tal-beni tan-Nazzjonijiet Uniti u li jirrispettaw fi kwalunkwe mument l-invjolabbiltà tar-reċinti tan-Nazzjonijiet Uniti;

C. billi l-forzi għaż-żamma tal-paċi UNIFIL (Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu) huma preżenti fil-Libanu taħt il-mandat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;

D. billi l-forzi Iżraeljani fetħu attakki ripetuti fuq il-persunal u r-reċinti tal-UNIFIL u kkawżaw korrimenti u ħsara għall-beni tan-Nazzjonijiet Uniti;

1. Jesprimi tħassib qawwi rigward l-attakki tal-forzi Iżraeljani fuq l-UNIFIL;

2. Iqis li tali attakki jikkostitwixxu ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u ndħil inaċċettabbli fil-mandat tal-UNIFIL;

3. Jitlob lil Iżrael iwaqqaf dawn l-attakki illegali u jonora l-obbligi tiegħu fl-ambitu tad-dritt umanitarju internazzjonali;

4. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jisfruttaw l-influwenza tagħhom biex jiżguraw li Iżrael jirrispetta d-dritt umanitarju internazzjonali.